



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

22.11.2010

0090/2010

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura  
dwar il-libertà tar-reliġjon

**Mario Mauro, Hannes Swoboda, Konrad Szymański, Hannu Takkula**

Data ta' skadenza: 10.3.2011

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-libertà tar-reliġjon**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE,
  - wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tas-16 ta' Novembru 2009 dwar il-liberta' tar-reliġjon jew tat-twemmin,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 17 tat-TFUE,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-promozzjoni tad-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet ċivili huma prinċipji fundamentali tal-UE,
- B. billi l-UE kemm-il darba fissret l-impenn tagħha favur il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon u enfasizzat li l-gvernijiet għandhom id-dmir li jiggarrantixxu dawn il-libertajiet fid-dinja kollha,
- C. billi kull persuna għandha d-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon; billi dan id-dritt jinkludi l-libertà li wieħed jibdel ir-reliġjon tiegħu, u l-libertà, fil-pubbliku jew fil-privat, li wieħed jimmanifesta r-reliġjon tiegħu fil-qima, fl-osservanza, fil-prattika u fit-taghħlim,
1. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar iż-żieda fl-attakki kontra komunitajiet reliġjużi fid-dinja u jikkundanna l-vjolenza u d-diskriminazzjoni bbażati fuq ir-religion;
  2. Jistieden lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex jinkorpora s-suġġett tal-libertà tar-reliġjon fil-politiki esterni Ewropej billi jdaħħal fil-ftehimiet ma' pajjiżi terzi klawżola vinkolanti dwar ir-rispett għad-drittijiet tar-reliġjon;
  3. Jinkoraġġixxi lill-kumitati u lid-delegazzjonijiet tal-Parlament Ewropew biex jinkludu t tema tal-libertà tar-reliġjon fl-attivitàajiet tagħhom;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-parlamenti tal-Istati Membri.